Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-10 ta' Novembru 2016 (talba għal deċizjoni preliminari tad-Dublin District Court – l-Irlanda) – proċeduri kriminali kontra Owen Pardue

(Kawża C-321/16) [1]

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Preambolu u Artikoli 6, 20, 41, 47 u 48 — Setgħat tal-awtorità nazzjonali responsabbli għat-tressiq ta' proċeduri kriminali — Nuqqas ta' implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni — Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Nuqqas ta' ġurisdizzjoni manifesta tal-Qorti tal-Ġustizzja)

(2017/C 063/17)

Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

Dublin District Court

Parti fil-proċeduri kriminali prinċipali

Owen Pardue

Dispożittiv

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea manifestament ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mid-Dublin District Court (qorti distrettwali ta' Dublin, l-Irlanda), permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Mejju 2016.

([1]) ĠU C 279, 1.6.2016.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Berlin (il-Ġermanja) fis-16 ta' Novembru 2016 – Trinseo Deutschland Anlagengesellschaft mbH vs Bundesrepublik Deutschland

(Kawża C-577/16)

(2017/C 063/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgericht Berlin

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Trinseo Deutschland Anlagengesellschaft mbH

Konvenuta: Bundesrepublik Deutschland

Domandi preliminari

1. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità ([1]), moqri flimkien mal-Anness I tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-produzzjoni ta' polimeri, u b'mod partikolari ta' polimeri ta' polikarbonat, f'installazzjonijiet b'kapaċità ta' produzzjoni li taqbeż il-100 tunnellata kull jum, għandha titqies li hija attività ta' produzzjoni ta' prodotti kimiċi organiċi bażiċi permezz ta' qsim, formazzjoni mill-ġdid, ossidazzjoni parzjali jew totali jew permezz ta' proċessi oħra simili?

2. Fil-każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda, l-operatur ta' tali installazzjoni jista' jsostni li huwa intitolat għal allokazzjoni mingħajr ħlas ta' kwoti ta' emissjonijiet permezz ta' applikazzjoni diretta tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/87 u tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE [2] f'sitwazzjoni fejn allokazzjoni mingħajr ħlas ta' kwoti ta' emissjonijiet bis-saħħa tad-dritt nazzjonali ma tkunx possibbli minħabba s-sempliċi fatt li l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx inkluda, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2003/87, l-installazzjonijiet ta' produzzjoni ta' polimeri, u f'sitwazzjoni fejn, għal din ir-raġuni biss, dawn l-installazzjonijiet ma jkunux jistgħu jipparteċipaw fl-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet?

---

(1) Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631).

(2) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE, tas-27 ta' April 2011, li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011 L 130, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-23 ta' Novembru 2016 – Enzo Buccioni vs Banca d'Italia

(Kawża C-594/16)

(2017/C 063/19)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Enzo Buccioni

Konvenuta: Banca d'Italia

Domandi preliminari

1) Il-prinċipju ta' trasparenza, stabbilit b'mod ċar fl-Artikolu 15 tal-verżjoni kkonsolidata tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fl-għan ġenerali vinkolanti tiegħu, interpretat fis-sens li dan il-prinċipju jista' jiġi rregolat mid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew ekwivalenti msemmija fil-paragrafu 3 ta' din id-dispożizzjoni, li l-kontenut tiegħu jista' jkun il-manifestazzjoni ta' setgħa diskrezzjonali eċċessivament wiesgħa u nieqsa minn bażi legali kkostitwita minn sors superjuri tad-dritt Ewropew fir-rigward tal-istabbiliment minn qabel ta' prinċipji minimi li ma huma suġġetti għal ebda deroga, jippreKludi tali interpretazzjoni limitattiva simili fil-qasam tal-leġiżlazzjoni Ewropea fil-qasam ta' funzjonijiet ta' sorveljanza tal-istabbilimenti ta' kreditu, li tasal biex iċċaħħad lill-imsemmi prinċipju ta' trasparenza mill-essenza tiegħu anki f'każijiet fejn l-interess għall-aċċess huwa marbut ma' interessi essenzjali tal-applikant li jiffurmaw parti b'mod ċar mill-eċċezzjonijiet għal-limitazzjonijiet ammessi f'dan is-settur?

2) B'konsegwenza ta' dan, l-Artikolu 22(2) kif ukoll l-Artikolu 27(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013, tal-15 ta' Ottubru 2013, li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu [1], għandhom jiġu interpretati mhux bħala każijiet mhux eċċezzjonali ta' deroga min-natura mhux aċċessibbli tad-dokumenti, iżda pjuttost bħala dispożizzjonijiet li għandhom jiġu interpretati għall-finijiet iktar wiesgħa tal-Artikolu 15 tal-verżjoni kkonsolidata tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, bħala tali, jidħlu taħt prinċipju normattiv ġenerali tal-liġi tal-Unjoni li jgħid li l-aċċess ma jistax ikun ristrett, fit-tmiem ta' bbilanċjar raġonevoli u proporzjonat tar-rekwiżiti tas-settur tal-kreditu mal-interessi fundamentali tal-persuna li tfaddal li tintlaqat minn sitwazzjoni ta' tqassim tal-oneru (burden-sharing), fir-rigward taċ-ċirkustanzi rilevanti kkonstatati minn awtorità ta' sorveljanza li għandha karatteristiċi organizzazzjonali u kompetenzi settorjali analogi għal dawk tal-Bank Ċentrali Ewropew?